IN-NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 28 - L-ERBGĦA 26 TA' MEJJU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku (permezz ta' zoom) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook tal-Kunsill.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Kulħadd kien preżenti.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħat preċedenti (seduta numru 26) li saret nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 u (seduta numru 27) li saret it-Tnejn 17 ta' Mejju bl-aħħar waħda tkun laqgħa b'urġenza.

2.2 Il-Minuti kienu kkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

2.3 Arising minn 3.5 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li kienet saret applikazzjoni għal ċint fi Triq John Adye iżda kienet irtirata minħabba numru ta' oġġezzjonijiet, inkluż dwar il-ħitan storiċi tal-Victoria Lines. Sfortunatament il-periklu se jibqa' hemm.

2.4 Arising minn 3.9.4 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku talbet lid-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni sabiex jinbidlu l-bins ta' ħdejn il-Higher Secondary kif ukoll għal *cigarette bins* għall-Pjazza. Din it-talba ġiet aċċettata. Is-Sindku rringrazzjat lid-Diviżjoni kif ukoll lill-Onor. Deo Debattista.

2.5 Arising minn 3.10 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat rigward il-Lollipop Grannies, fejn din se tiġi mnedija nhar Il-Ġimgħa 28 ta' Mejju 2021 mill-Ministru Micheal Farrugia. Il-Kunsill kien qiegħed jintalab jiffirma l-Memorandum of Understanding (MoU).

2.6 Arising minn 9.3 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-Arċipriet fejn staqsietu jekk huma għadhomx interressati li jkomplu bil-proġett tar-restawr tal-istatwi. Il-Perit tal-proġett infurmat lis-Sindku li huma għadhom interressati li jsir ir-restawr minn naħa tagħhom. Is-Sindku kkomunikat mal-GAL Majjistral u infurmathom li l-Kunsill se jirtira l-proġett u jitlef il-fondi.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku pppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fid-29 ta' Marzu kienet mistiedna għall-inawgurazzjoni tal-istatwa tal-Madonna tal-Legion of Mary f'San Pawl tat-Tarġa.

3.3 Fl-1 ta' April saret laqgħa virtwali mal-kuntrattur tar-restawr tal-mitħna rigward il-pagamenti pendenti. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Project Manager, l-avukat tal-kuntrattur, l-avukat tal-Kunsill, uffiċjal mill-amministrazzjoni, il-kuntrattur u l-Periti tal-Kunsill.

3.4 Fit-12 ta' April saret laqgħa ma' Infrastructure Malta (IM) rigward Triq Leli Falzon. Din it-triq se jsirilha kisi mill-ġdid minn naħa ta' IM.

3.5 Fil-15 ta' April saret laqgħa mal-PA tal-Ministru tat-Turiżmu rigward il-proġetti li huma ppjanati fil-lokalita' tan-Naxxar.

3.6 Is-Sindku infurmat li fil-5 ta' Mejju flimkien mas-SE iltaqgħu mal-kuntratturi tal-ġbir tal-iskart, tal-knis kif ukoll mal-kuntrattur li jnaddaf il-latrini u l-bini tal-Kunsill.

3.7 Is-Sindku infurmat li fis-7 ta' Mejju flimkien mas-SE iltaqgħu mal-kuntratturi ta' non-urban, tal-ġonna, tat-tqattiegħ tat-toroq kif ukoll mal-Contracts Manager.

3.8 Fis-17 ta' Mejju s-Sindku kellha laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija u s-Surġent. Ġie diskuss is-sigurta' lokali. Is-Sindku ltaqgħet ukoll mal-ispettur il-ġdid tal-Lokal, l-Ispettur Roxanne Tabone.

3.9 Fid-19 ta' Mejju s-Sindku flimkien mas-SE kellhom laqgħa mal-kuntrattur tal-Bulky Refuse.

3.10 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri dwar proposta li saret mill-Malta Sports Association sabiex ikun hemm spazju għas-*surfers* (aktar fin-numru 11 isfel).

3.11 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li għamlet laqgħa virtwali ma' Weave Consulting, Thomas Franks Ltd. Bil-kuntatti li għandhom il-Kunsill, dawn se jniedu programm għall-iskola Primarja bit-titlu "We grow – You grow programme". Dan il-programm se jkun twil madwar sitt (6) ġimgħat. It-tfal se jitgħallmu kif ikabbru l-ħxejjex, isajjru u aktar inizjattivi.

3.12 Fil-21 ta' Mejju is-Sindku kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.12.1 Se jingħataw żewġ (2) CCTVs. Fil-25 ta' Mejju l-Kunsillier Gatt iltaqa' mal-kuntrattur. Dawn il-CCTVs iridu jkollhom tul ta' ħin bix-xemx fuqhom minħabba li jaħdmu bl-enerġija tax-xemx. Dawn se

jkunu b'forma ta' *dome*. Il-postijiet li ssemmew kienu Triq il-Buzjett u Triq l-Imdina. Il-Kunsillier Gatt spjega li hemm postijiet fejn il-batterija ta' CCTV ma tkunx biżżejjed biex tintuża għal lejl kollu. Is-Sindku infurmat li dawn għandhom jigu installati sal-31 ta' Mejju. Hi se tikkomunika mal-kuntrattur sabiex jiġi deċiż fejn ikun l-aħjar post biex dawn jiġu nstallati.

3.12.2 Fit-3 ta' Settembru se jiġi mniedi ktieb bir-ritratti tal-lokalitajiet. F'din id-data se tiġi organizzata attività.

3.12.3 Se jsiru korsijiet mir-Reġjun għall-amministrazzjoni kif ukoll għal Kunsillieri fuq *customer care, accounts, first aid* u *fire fighting*.

3.13 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Kunsill ippreżenta l-*bye law* lil Ministru responsabbli għall-Kunsilli Lokali.

3.14 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Kunsill ippreżenta żewġ (2) applikazzjonijiet tal-UIF għall-*outdoor gym* kif ukoll għall-makkeniżmu tal-mitħna.

3.15 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Hiltop Gardens kkomunikaw mal-Kunsillier Deguara li fl-4 ta' Ġunju fil-5:30 se jiġi organizzat *clean up* ġewwa n-Naxxar. Ġie ssuġerit li l-*clean up* issir fit-Triq John Adye.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr. 8/28) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul għax-xahar ta' April (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Marzu (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' April (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi D.

5.1.5 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Marzu (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi E.

5.1.6 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Marzu (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi F.

5.1.7 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Marzu (Seduta tal-Laqgħa nr 8/28) anness f'appendiċi Ġ.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

5.3 L-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali bagħat imejl rigward il-*Group Life Policy.* Ġie deċiż li l-Kunsill iħallas għal polza tal-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel.

## 6. MINUTI TAL-KUMMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret il-Ħamis 20 ta' Mejju (anness f'appendiċi Ħ).

6.2 Is-SE informa lill-Kunsillieri fuq punt numru 11 li tkellem mal-impjegat *part-time* iżda m'aċċettax li jaqleb *full-time.*

6.3 Il-Kunsill approva (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

## 7. MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat tat-talbiet u lmenti li saret il-Ħamis 20 ta' Mejju 2021 (anness f'appendiċi I).

7.2 Intalab li każ numru 10638, il-hump li diġa hemm eżistenti fit-Triq Anton Manuel Caruana tiġi minn ħajt sa ħajt.

7.3 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta tal-Kunsillier Gatt issekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 8. RAPPREŻENTAZZJONIJIET DWAR L-INĊINERATUR

8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsillieri li l-Environment Impact Assessment kellu jerġa jsir minħabba li kien hemm *conflict of interest* għalhekk kellha terġa tinfetaħ Public Consultation.

8.2 Il-Kunsill ippreżenta r-rapport li ġie ppreparat mill-konsulenti tal-Kunsill flimkien mal-preżentazzjoni tar-Reġjun Tramuntana.

8.3 Il-Public Consultation għalqet nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju. Is-smiegħ se jsir għada l-Ħamis 27 ta' Mejju fl-16:30 u se tiġi trasmessa b'mod virtwali. Il-Konsulenti tal-Kunsill se jkunu qegħdin jirrappreżentaw lill-Kunsill.

8.4 Is-Sindku ssuġerit li ssir laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent u jkunu preżenti wkoll il-konsulenti. Il-Kunsill qabel.

## 9. PROĠETT TAL-IŻVILUPPTAL-PARKEĠĠ TAT-TRADEFAIR

9.1 Il-Perit tal-proġett għadda l-informazzjoni u l-pjanti tal-proġett lil Kunsill qabel ma' jiġu ppreżentati lil Planning Authority.

9.2 Is-SE informa lill-Kunsillieri li se jkun qed jippreżentalhom il-pjanti sabiex il-Kunsill jasal għall-aħjar deċiżjoni.

9.3 Is-SE spjega l-proġett fid-dettal.

9.4 Is-Sindku pproponiet li ssir laqgħa pubblika virtwali rigward dan il-proġett mill-aktar fis. Preżenti jkunu mistiedna l-periti sabiex ikunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsijiet tar-residenti. Il-Kunsill qabel.

## 10. PETIZZJONI DWAR IT-TRIQ BEJN IL-MAGĦTAB U TRIQ QALET MARKU F'BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

10.1 Is-SE qara l-ittra tal-petizzjoni lill-Kunsillieri li kien irċieva l-Kunsill. Il-petizzjoni ma kinitx meqjusa valida minħabba li kien hemm persuni li ma kienux residenti u instab li kien hemm l-istess isem doppju b'firem li ma jaqblux.

10.2 Saru it-20:13, u l-Kunsillier Brincat skuża ruħu mill-kumplament tal-laqgħa.

10.3 Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra uffiċjali lil LESA biex jaraw li t-trakkijiet qed isegwu r-regolamenti u jiċċekjaw li għandhom il-permess fuqhom.

10.4 Il-Kunsillier Spiteri talab sabiex tintbgħat ittra uffiċjali lill-Infrastructure Malta biex titranġa t-triq.

**11. PROPOSTA BIEX ISIR PJAN GĦAL PROĠETT GĦAL ŻONA FI TRIQ IL-KOSTA**

11.1 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel pjanta biex isir parkeġġ u post biex jiġi prattikat l-isports tas-*surfers.* Din issir f'żona matul il-kosta. Il-pjanta tiġi preżentata lill-Infrastructure Malta.

11.2 Il-Kunsill qabel.

**12. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-30 ta' Ġunju 2021 fis-17:45.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-20:20.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**